(3) Ikun hemm ksur tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/88/KE, intitolat "ħin massimu ta' xogħol matul ġimgħa", fil-każ li, minkejja li l-kuntratt ta' xogħol jipprovdi li l-ħin massimu ta' xogħol huwa ta' 8 sigħat u l-ħin massimu fil-gimgħa huwa ta' 40 siegħa, il-persuna li tieħu ħsieb il-foresti hija, fir-realtà, skont obbligi legali, inkarigata tiżgura s-sorveljanza tas-sezzjoni tal-foresta li hija responsabbli minnha fuq bażi permanenti?

(4) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, il-persuna li timpjega għandha l-obbligu li tħallas il-pagi u l-benefiċċji li jistgħu jkunu marbuta magħhom għall-perijodu li matul tiegħu l-persuna li tieħu ħsieb il-foresti hija inkarigata tiżgura s-sorveljanza tal-foresta?

(5) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija negattiva, liema hija s-sistema legali applikabbli għall-perijodu li matul tiegħu l-persuna li tieħu ħsieb il-foresti hija inkarigata tiżgura s-sorveljanza tal-foresta li taqa' taħt ir-responsabbiltà tagħha?

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla y León (Spanja) fil-25 ta' Mejju 2010 — Pedro Antonio Macedo Lozano vs Gerardo García S.L.

**(Kawża C-261/10)**

(2010/C 221/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Castilla y León (Spanja).

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Pedro Antonio Macedo Lozano.

*Konvenuta:* Gerardo García S.L.

**Domandi preliminari**

(a) L-Artikoli 3, 5(2), 6 u 7 tad-Direttiva 2003/10/KE [1] għandhom jiġu interpretati fis-sens li impriża, fejn il-livell ta' ħoss li għalih ikunu esposti l-ħaddiema ta' kuljum jaqbeż il-85 dB(A), (imkejjel mingħajr it-teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti ta' protetturi tas-smigħ), tosserva l-obbligi ta' prevenzjoni ffissati mid-direttiva ċċitata iktar 'il fuq f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet materjali ta' xogħol meta hija tipprovdi protetturi tas-smigħ lil dawn il-ħaddiema b'tali mod li, bis-saħħa tat-tnaqqis li jiggarantixxu dawn il-protetturi, il-ħoss li għalih ikunu esposti dawn il-ħaddiema ta' kuljum jonqos għal inqas minn 80 dB(A)?

(b) L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2003/10/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-programm ta' miżuri tekniċi u/jew ta' organizzazzjoni li għandu jiġi adottat minn impriża fejn il-livell ta' ħoss li għalih ikunu esposti l-ħaddiema ta' kuljum jaqbeż il-85 dB(A) (imkejjel mingħajr it-teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti ta' protetturi tas-smigħ), għandu l-għan li jnaqqas il-livell ta' espożizzjoni għall-ħoss għal livell inqas minn 85 dB(A)?

(c) Jekk ir-risposta għall ewwel domanda tkun negativa, id-Direttiva 2003/10/KE għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi regola jew prassi ġudizzjarja nazzjonali li teżenta lill-impriża mill-ħlas ta' kumpens finanzjarju, li din għandha, bħala prinċipju, tħallas lill-ħaddiema li ta' kuljum ikunu esposti għal livell ta' ħoss li jaqbeż il-85 dB(A), minħabba li din ipprovdiet protetturi tas-smigħ lil dawn il-ħaddiema li għandhom l-effett li jnaqqsu l-espożizzjoni ta' kuljum għal inqas minn 80dB(A)?

[1] Direttiva 2003/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Frar 2003, dwar il-ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-esposizzjoni ta' ħaddiema għal-riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (ħoss) (Is-Sbatax-il Direttiva individwali skond it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 300).

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju

**(Kawża C-265/10)**

(2010/C 221/35)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Olivier u M. van Beek, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Renju tal-Belġju

**Talbiet**

— tiddikjara li billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji kollha għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet fil-każ ta' ksur tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, jew tal-inqas billi ma għarrafx lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet, ir-Renju tal-Belġju ma osservax l-obbligi tiegħu taħt dispożizzjonijiet tal-Artikolu 126 tal-imsemmi Regolament (KE) Nru 1907/2006;

— tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Peress li r-Renju tal-Belġju ma adottax il-miżuri kollha dwar l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet fil-każ ta' ksur tar-Regolament REACH li kellhom jidħlu fis-seħħ mhux l-iktar tard mill-1 ta' Diċembru 2008 jew, fi kwalunkwe każ, ma informax lill-Kummissjoni Ewropea b' dawn il-miżuri, din tal-aħħar ikkonkludiet minn dan li r-Renju tal-Belġju ma osservax l-obbligi tiegħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 126 ta' dan ir-regolament.

([1]) JO L 396, p. 1

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de première instance de Namur (il-Belġju) fit-28 ta' Mejju 2010 — André Rossius vs État belge — SPF Finances**

**(Kawża C-267/10)**

(2010/C 221/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de première instance de Namur

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* André Rossius

*Konvenut:* État belge — SPF Finances.

*Intervenjent:* État belge — SPF Défense

**Domandi preliminari**

(1) Id-dispożizzjonijiet segwenti tad-dritt tal-Unjoni Ewropea:

1. L-Artikolu 6 tat-Trattat ta' Lisbona, tat-13 ta' Diċembru 2007, li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ffirmat f'Maastricht fis-7 ta' Frar 1992, u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009, li jipprovdi li "L-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2000, kif adattata fit-12 ta' Diċembru 2007 ġo Strasburgu, li għandha jkollha l-istess valur legali bħat-Trattati. […]";

2. L-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([1]), li jipprovdi li "Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal kura preventiva tas-saħħa u d-dritt li tgawdi minn kura medika […]. Għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-linji ta' politika u l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni";

interpetati inkonformità mal-prinċipji ġenerali li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea, kif imfakkra fil-preambolu tat-Trattat ta' Lisbona,

jipprekludu lil Stat Memru, f'dan il-każ il-Belġju, milli jippermetti fit-territorju tiegħu l-fabbrikazzjoni, l-importazzjoni, il-promozzjoni u l-bejgħ ta' tabakk immanifatturat sabiex jiġi mpejjep, meta dan l-istess Stat jirrikonoxxi uffiċjalment li dawn il-prodotti jagħmlu ħsara gravi lis-saħħa ta' dawk li jużawhom u huma identifikati bħala l-kawża ta' mard li jwassal għal invalidità u għal diversi mwiet prematuri, raġunijiet dawn li loġikament għandhom jiġġustifikaw il-projbizzjoni tagħhom?

(2) Id-dispożizzjoni segwenti tad-dritt tal-Unjoni Ewropea:

1. L-Artikolu 6 tat-Trattat ta' Lisbona, tat-13 ta' Diċembru 2007, li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ffirmat f'Maastricht fis-7 ta' Frar 1992, u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009, li jipprovdi li "L-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2000, kif adattata fit-12 ta' Diċembru 2007 ġo Strasburgu, li għandha jkollha l-istess valur legali bħat-Trattati. […]";